

# il-hajja ta' kristu gesu'

## GESU' JIRXOXTA LIL BINT GAJRU

**Matt. 9:18 to 10:42; Mark 5:22-43; Luqa 8:41 to 9:6**

Gesu' kien dejjem ikun imdawwar bil-follol u ma kien jitlef ebda okazzjoni biex ixandar il-Kelma.



F'hin minnhom gie ragel jigri ghand il-pMulej u deher imhawwad hafna. Nizel gharkubbtejh u talab bil-herqa lil Gesu' biex imur gewwa daru halli jfejjaqlu lil bintu billi din kienet marida serjament u waslet fl-ahhar mumenti ta' hajjitha. Kien jismu Gajru u kien kap ta' sinagoga gewwa Kafarnaw.

Ges' laqa' it-talba tieghu u mar mieghu flimkien ma' l-appostli tieghu u hafna nies ohra li kienu qed jimxu warajh. Fost din il-folla kien hemm mara marida u kienet ilha ghal tnax-il sena tbati mill-mard. Kienet marret ghand hafna tobba u nefqet bosta flus izda qatt ma fieqet. Ghamlet kuragg u resqet lejn Gesu' biex tmisslu it-tarf tal-mantell tieghu billi bejnha u bejn ruhha qalet li mqarr jekk tmisslu t-tarf tal-mantel hija tfieq. Iddeffset qalb il-folla u mbotta minn hemm u mbotta minn hawn irnexxilha tasal hdejn il-persuna ta' Gesu', messitlu t-tarf tal-mantell u fieqet immedjatament.

Gesu' dar lejn l-appostlu u staqsiehom min kien messu, ghax Gesu' kien jaf kollox. L-appostli mistaghgbin qalulu: " Mghallem ghax tistaqsina hekk? Mela ma tafx kemm hawn nies irassu fuqek?"

“Xi hadd messni ghax hassejt qawwa ta’ miraklu hiereg minn go fija,” wegibhom Gesu’.

Imbaghad il-mara li ndunat li xejn ma jahrab lil Kristu nizlet gharkubtejha u stqarret li kienet hi. Imbaghad Gesu’ qalilha xi kliem ta’ konfort u baghtha fil-paci.

Gajru qaghad jistenna lil Kristu biex ikompli triqtu lejn daru, bezghan ghal ahhar li bintu kienet ser tmut qabel jasal il-Mulej.  Ma damx wisq b’dan il-qtugh il-qalb ghaliex qaddej wassallu l-ahbar li bintu kienet mietet. Kristu qara’ is-swied tal-qalb fuq wicc Gajru u mqanqal mill-hniena qallu: “Tibzax imma biss emmen u kollox ikunlek sew.”



Fid-dar ta’ Gajru ngabru bosta nies u qraba jikbu ghat-telf ta’ din ix-xebba, izda meta wasal Gesu’ qalilhom biex ma jikbux aktar ghaliex din it-tfajla kienet rieqed u mhux mejta.

Dawn ma emmnuhx.  Gesu’ ordna lil kulhadd ‘l barra  u halla biss lil missier u l-omm ta’ din it-tifla u tlett dixxipli tieghu’, lil Pietru lil Gakbu u lil Ganni.



Gesu’ resaq fuq it-tfajla u qalilha: “ Tfajla qed inghidlek qum” It-tfajla fethet ghajnejh u qamet u qal lil genituri taghha biex jaghtuha xi haga x’tiekol.

Meta hareg mid-dar ta’ Gajru Gesu’ wettaq mirakli ohra ma’ zewgt ghomja u ma ‘ wiehed li fih kellu spirtu hazin. Lil ta’ l-ewwel tahom id-dawl u lil tat-tieni Gesu’ kecca’ minnu l-ispirtu hazing.

**Riflessjoni**

“Uliedi, il-fidi kollox”, kien jghid San Gorg Preca lill-membri tas-Socjeta tad-Duttrina Nisranija. Il-bniedem ta’ fidi jista’ jersaq lejn Alla. Il-bniedem li ghandu l-fidi jemmen li Alla lil jista’ kollox jaghith dak li jitolbu u li jkun ta’ gid kemm ghar-ruh kif ukoll ghall-gisem.  Kull miraklu li Gesu’ opra dejjem ghamlu ghax ra fidi kbira fuq dak li talbu.

Il-bniedem ta’ fidi jemmen li Alla jarah, jaf sa l-icken hsieb fil-qalb tieghu u ta’ dan kollu ghad jiggudikah.

Il-bniedem ta’ fidi ma jaghmilx quddiem Alla dak li jisthi jaghmel quddiem il-bnedmin.